MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 14/2008/1

**Julius Sciberras u Carmen Sciberras**

**v.**

**Kishichand Mohnani**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’rikors guramentat pprezentat quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Jannar, 2008 l-atturi ppremettew:

"Illi bi skrittura privata ta' l-1 ta' Jannar, 2001, iffirmata mill-attur Julius Sciberras u l-konvenut Mohnani u kontro-ffirmata minn bint il-konvenut Natasha Mohnani, li qieghda tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument JS1 l-imsemmi konvenut ikkostitwixxa ruhu kreditur ta' l-atturi fis-somma ta' Lm54,307 ekwivalenti ghal €126,501.58 oltre' l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001, liema somma kellha tithallas mill-konvenut sal-31 ta' Dicembru, 2002;

"Illi r-rikorrenti nterpellaw lill-intimat diversi drabi biex ihallas is-somma fuq imsemmija oltre' l-imghax legali, pero' baqa' inadempjenti.

"Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2008, ir-rikorrenti nterpellaw lill-konvenut intimat biex ihallas din is-somma, pero' baqa' wkoll inadempjenti.

"Illi l-intimat qed jirrifjuta li jhallas lir-rikorrenti s-somma minnu dovuta u li taghha kkostitwixxa lilu nnifsu bhala debitur u dana ghall-ebda raguni valida fil-ligi.

"Illi fuq dik is-somma, mid-data ta' meta l-ammont gie dovut u cioe' sal-31 ta' Dicembru, 2002, l-intimat la hallas imghaxijiet bit-8% u lanqas xejn mill-kapital.

"Illi fil-fehma tal-esponenti dan l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u skadut u l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva ghat-talbiet rikorrenti.

"Dan premess l-atturi talbu ghar-ragunijiet premessi u dawn li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u dispensat mis-smigh tal-kawza ai termini tal-Artiklu 167 et seq., tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghaliex m'ghandiex dik il-Onorabbli Qorti:

"1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €126,501.58 ekwivalenti ghal Lm54,307 minnu dovuti lir-rikorrenti kif fuq intqal oltre' l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001, u dan skond skrittura ta' l-1 ta' Jannar 2001, li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JS1.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Dicembru, 2007 u tal-mandat ta’ sekwestru nru: mahrug kontestwalment mar-Rikors Guramentat odjern u bl-ingunzjoni ta’ l-intimat konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat id-degriet ta’ dik il-Qorti tas- 6 ta’ Frar 2008 li bih kkoncediet lill-intimat id-dritt li jikkontesta l-kawza u fil-waqt li ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali, awtorizzat lill-intimat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

“B’nota ipprezentata fit-8 ta’ Frar, 2006 l-intimat eccepixxa:

“1. Illi in linea preliminari l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas tal-flus mislufa lill-eccipjent iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artiklu 2156(e) tal-Kodici Civili stante li l-kreditu ma jirrizultax minn Att Pubbliku.

“2. Illi wkoll, preliminarjament l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas ta’ l-imghaxijiet li talvolta ddekorrew fuq il-kapital misluf lill-eccipjent iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artiklu 2156(d) tal-Kodici Civili.

“3. Illi wkoll, in via preliminari izda minghajr pregudizzju ghall-premess l-irritwalita’ tal-azzjoni odjerna tar-rikorrenti stante li mart ir-rikorrent qatt ma rratifikat is-self in kwistjoni effettwat minn zewgha u konsegwentement m’ghandhiex *locus standi* f’dan il-gudizzju.

“4. Illi subordinatament fil-mertu l-iskrittura tal-1 ta’ Jannar 2001 hija sostantivament nulla billi l-esponent ma kienx iffirma l-ewwel parti ta’ l-iskrittura riferita esebita in atti. In effetti wara li l-eccipjent kien irrediga l-iskrittura in parola huwa kien biddel l-intenzjoni tieghu li jiffirma dan il-kuntratt integralment b’mod li l-kunsens kuntrattwali tieghu relattiva ghal din l-iskrittura kien inezistenti. Billi l-eccipjent ma ffirmax l-iskrittura in kwistjoni b’mod integrali l-istess hija formalment nulla.

"5. Illi *anchorche'* li l-azzjoni tar-rikorrenti ma ddekadietx bil-preskrizzjoni u li l-iskrittura riferita hija sostantivament u formalment valida b'mod li huma kredituri tal-esponent, il-kreditu pretiz mhux kollu dovut stante li l-kreditu pretiz mir-rikorrenti jinkludi mghaxijiet komposti komputati bit-tlettax fil-mija fis-sena kif jirrizulta mill-iskrittura esebita fl-atti processwali u in oltre l-eccipjent diga' hallas lir-rikorrenti mghaxijiet komposti bl-istess rata mill-1991 inkorporati kif kienu fl-akkonti li huwa hallas lir-rikorrenti perjodikament liema mghaxijiet imhallsa b'uzura ghandhom jigu kompensati mal-kreditu talvolta spettanti lill-atturi.

"6. Salvi eccezzjonijiet ohra."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:-

"Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, prevja li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat; Tilqa t-talba tar-rikorrenti, tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €126,501.58 ekwivalenti ghal Lm54,307 minnu dovuti lir-rikorrenti kif fuq intqal, oltre' l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001 bit-8%, a termini ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Jannar 2001 Dokument JS1.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat."
U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

**"Provi**

"L-attur xehed li l-iskrittura JS1 a fol 4 tirrapprezenta flus li hu kien silef lill-intimat. L-iskrittura kien kitibha l-istess intimat bil-kalegrafija tieghu, ffirmata minnu u minn bintu. L-intimat dejjem kien ighidlu biex jaghtih aktar zmien biex ikun jista' jhallas.

“Fit-2004 kien iltaqa’ ma’ l-intimat ghand Dr.Edward Debono u l-intimat rega’ tenna li ghandu jaghtih din is-somma pero’ baqa’ ma hallasx minkejja diversi promessi.

“L-intimat qatt ma cahad li ghandu jaghtih.

“Dr.Edward Debono ikkonferma li kienet saret laqgha ghandu u kien talab lill-intimat biex jaghmel kuntratt ghand in-Nutar u ipoteka izda l-intimat m’accettax. L-intimat kien qallu kemm il-darba li lir-rikorrent ried ihallsu.

“L-intimat xehed li r-rikorrent kien silfu flus u kienu ghamlu skrittura. Fit 2001 ghamlu skrittura ohra fejn hassru d-dejn li kien hemm qabel u ftehmu mill-gdid fuq l-ammont li kien dovut sa dakinhar bl-imghax b’kollox, bit 13%. Wara dina l-iskrittura ma hallasx xejn u l-ahhar li hallas kien fin 1999. Umbaghad mit 2001 sat 2007 ma rceva xejn, l-ebda ittra ufficjali. Fl-iskrittura a fol 4 fl-ewwel parti fejn hemm il-firma tar-rikorrent hu ma kienx iffirma ghax ma kienx *‘happy’* biha ghax l-imghax kien wisq. Imbaghad iffirma fl-ahhar ta’ l-iskrittura. Hu kien accetta li jiffirma li ghandu jaghti dawn il-flus izda ma kienx hallas fit-terminu li gie moghti lilu.

“Mistoqsi jekk qatt qalx lir-rikorrent li m’ghandux jaghtih, wiegeb: “ *Qatt m’ghidtlu xejn, qatt ma tkellimna fuqha. Qatt m’ghidtlu li m’ghandix naghtihomlu, li mhux ser naghtihomlu, u qatt m’ghidtlu li ha naghtihomlu’.*

“Meta rega’ xehed in kontroezami, wiegeb li ‘ *veru li lill-avukat Debono jien kont ghidtlu li ha nhallsu. Tul dawn il-hames snin lil Dr Debono ma kontx nghidlu li ser inhallsu. Ma niftakarx li kont ghidt lis-Sur Sciberras fil-presenza ta’ Dr.Debono li kont ser inhallsu.’*

“Natasha Mohnani, bint l-intimat, xehdet li missierha kien dejjem ihallas l-imghax bl-uzura. Tghid li meta missierha ffirma l-iskrittura tat 2001, hu kien iffirma t-tieni parti, izda kien indeciz jekk kienx lest li jiffirma l-ewwel parti billi kien iddejjaq ihallas l-imghax bl-uzura. Hi ffirma fl-ahhar ta’ l-iskrittura. Ir-rikorrent kien baghat biss l-ittra ufficjali f’ Dicembru 2007.

**“Konsiderazzjonijiet**

**“Skrittura**

“L-intimat eccepixxa li l-iskrittura tal 1 ta’ Jannar 2001 hija sostantivament nulla billi hu ma kienx iffirma l-ewwel parti ta’ l-iskrittura in kwistjoni intenzjonalment. Hu ighid li r-rikorrent kien silfu flus u kienu ghamlu dina l-iskrittura fejn hassru d-dejn li kien hemm qabel u ftehmu mill-gdid fuq l-ammont li kien dovut sa dakinhar bl-imghax li kellu jibda’ jiddekorri bit 13 fil-mija. Fl-iskrittura, fl-ewwel parti fejn hemm il-firma tar-rikorrent pero’ ma hemmx il-firma tieghu billi ma kienx ‘*happy’* minhabba l-imghax li kien gholi wisq. Imbaghad iffirma fl-ahhar ta’ l-iskrittura.

“Illi mill-ezami ta’ dina l-iskrittura jirrizulta li fl-ewwel parti kull ma hemm hu li dak id-dokument kien l-uniku wiehed li kellu jorbot lill-partijiet u li c-cheques u dokumenti ta’ qabel favur ir-rikorrenti kienu kkancellati. Imkien ma jissemma l-imghax, ghalhekk dak li qal l-intimat li ma ffirmax l-ewwel parti minhabba l-imghax ma’ taghmilx sens. Jirrizulta li l-iskrittura kien kitibha l-istess intimat bil-kalegrafija tieghu u hadd ma sfurzah biex jiffirmaha. Hu ffirma fl-ahhar ta’ dina l-iskrittura ghalhekk hu kien qed jissottoskrivi ghall dik l-iskrittura f’interjerta’ taghha u accettaha kollha.

**“Locus standi mara**

“Il-Qorti difficilment tara s-serjeta` wara dina l-eccezzjoni in kwantu jidher ovvju illi din giet semplicement mitfugha bhala difiza addizzjonali ohra u xejn izjed. L-intimat jaghmel accenn fugaci u generiku bla ma mbaghad affronta bizzejjed, b’senjalazzjonijiet serji u sufficcjenti, ir-raguni guridika ghall-eccezzjoni minnu moghtija.

“Nonostante dana, kwantu ghall din l-eccezzjoni, li l-azzjoni hija rrita’ ghax mart ir-rikorrent qatt ma rratifikat is-self in kwistjoni u ghalhekk m’ghandhiex *locus standi* f’dan il-gudizzju, l-Qorti tirrileva li jirrizulta li mart ir-rikorrent

kienet taf bis-self li zewgha kien ghamel lill-intimat u bhala martu ghalhekk ghandha *locus standi* f'dina l-kawza minhabba sehemha fil-kommunjoni ta' l-akkwisti. Dana apparti l-fatt li semai tali rritwalita' kellha tigi mqajma minnha u mhux minn terza persuna – l-intimat.

**"Preskrizzjoni**

"L-intimat jeccepixxi wkoll l-preskrizzjoni dwar il-hlas tal-flus mislufa u l-hlas tal-imghaxijiet mitluba billi t-talba iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artiklu 2156(e) tal-Kodici Civili stante li l-kreditu ma jirrizultax minn Att Pubbliku.

"Illi skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, meta d-debitur jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxiex bhala ezatta is-somma pretiza, jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. (Sammut vs Grima Vol 38 part 3 pag 688 u sentenzi hemm citati u Casha vs Micallef Vol XL p1 p306; Vol LX1X p3 p 441.Troplong Prescrizione No 67, Aubrey et Rau V111 para 776)

"Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u **(d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont** (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Quoted in case PS Inf Cassar vs Muscat 28/4/04 1230/1997).

"Ma hemm ebda interruzzjoni ta' preskrizzjoni meta t-trattativi jsiru bla pregudizzju. Trattativi mizmuma pendente lite, intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il- kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju

“Fil-kaz in ezami r-rikorrent jikkontendi li l-intimat dejjem kien ighidlu biex jaghtih aktar zmien biex ikun jista’ jhallas u qatt ma cahad li ghandhu jaghtih. Ghand Dr.Edward Debono l-intimat rega’ tenna li kellu jaghtih din is-somma pero’ baqa’ ma hallasx minkejja diversi promessi.

“Dr.Edward Debono fil-fatt jikkonferma li l-intimat kien qallu kemm il-darba li kellu jhallas lir-rikorrent u accetta li s-somma kienet dovuta.

“Min-naha tieghu l-intimat xehed li hu qatt ma qallu xejn lir-rikorrent, u qatt ma qallu li m’ghandhux jaghtihomlu, jew li mhux ser naghtihomlu, u qatt ma qallu li ha jaghtihomlu. Meta ‘mbaghad xehed in kontroezami, hu wiegeb li “*veru li lill- Avukat Debono jien kont ghidtlu li ha nhallsu”.* Izda mbaghad ighid li *“Tul dawn il-hames snin lil Dr Debono ma kontx nghidlu li ser inhallsu”.* Izda ma ftakarx li kien qal lis-Sur Sciberras fil-presenza ta’ Dr.Debono li kien ser inhallsu.’

“Illi minn dina x-xhieda l-Qorti tasal ghall konkluzzjoni li effettivament l-intimat qatt ma cahad li ghandu jaghti s-somma mitluba mir-rikorrent u li l-intimat kien ighid lir-rikorrent biex jaghtih aktar zmien biex ikun jista’ jhallas. Dan ikkonfermah ukoll Dr.Debono fix-xhieda tieghu. Ghalhekk anke mill-istess xhieda ta’ l-intimat mhiex eskluza l-versjoni li taw ir-rikorrent u Dr.Debono.

“Kwantu ghall ammont mitlub dan mhux qed jigi kontestat bhala kapital. Qed jigi kontestat biss l-imghax billi l-intimat qed isostni li r-rikorrent ma setghax jiccargjah bit- 13%. Hawnhekk l-intimat ghandu raguni. Il-ligi tippreskrivi li :

**“Artikolu 1852.** (1) L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.
“(2) L-imghax miftiehem f’izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.

“(3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi, iz-zejjed jinqata’ mill-kapital.

“Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-intimat ma hallas xejn la mill-kapital u lanqas mill-imghax. Ghalhekk is-somma bhala kapital mitlub hija dovuta, mentri l-imghax li jista’ jintalab huwa biss ta’ 8%.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fis-27 ta’ Ottubru, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Il-kontro-parti pprezentaw risposta fid-9 ta’ Jannar, 2009 fejn stqarrew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

L-appellant Kishichand Mohnani ressaq diversi aggravji kontra s-sentenza appellata. Infatti jidher li dawn l-aggravji jikkoncernaw l-eccezzjonijiet kollha li huwa kien ressaq kontra r-rikors promotur, liema eccezzjonijiet gew kollha michuda mill-ewwel Qorti. Dawn l-aggravji jistghu jigu sintetizzati bil-mod segwenti:

1) Dwar il-kreditu pretiz l-appellant isostni li l-ammont ta’ Lm54,307 indikat fis-sentenza appellata u l-iskrittura tal-1 ta’ Jannar 2001, jikkomprendi imghax kompost u bir-rata ta’ 13% fis-sena li, essendo illegali, jirrendu l-kreditu inesigibbli. Dan l-aggravju jirrifletti l-hames eccezzjoni sollevata mill-intimat fejn jirrileva li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, il-pagament gja` mhallas ta’ imghax kompost u b’uzura “ghandhom jigu kompensati mal-kreditu tal-volta spettanti lill-attur”.

2) Dwar l-iskrittura tal-1 ta’ Jannar, 2001 l-appellant isostni li din ma ghandhiex effett legali billi huwa naqas li jiffirma l-ewwel parti taghha. Dan l-aggravju jirrifletti r-raba’ eccezzjoni minnu sollevata fejn irrileva li l-kunsens

kuntrattwali tieghu kien nieqes inkwantu ma iffirmax l-iskrittura b’mod integrali.

3) Dwar il-*locus standi* ta’ mart l-attur, l-appellant ghadu jsostni li din ma ghandhiex tkun fil-kawza qabel ma tirratifika s-self. Dan l-aggravju jirrifletti t-tielet eccezzjoni fejn kien issolleva l-irritwalita` tal-azzjoni minhabba l-assenza tal-firma ta’ mart l-attur fuq l-iskrittura tal-1 ta’ Jannar, 2001.

4) Dwar l-preskrizzjoni, l-appellant isostni li r-rikonoxximent, jekk sehh, ma ghandux validita` billi dan kien ghall-ammont indeterminat jew ghall-ammont rapprezentanti imghax b’uzura. Din il-preskrizzjoni kwinkwennali hija msejsa fuq l-Artikoli 2156(e) stante li ma kienx hemm att pubbliku u l-Artikolu 2156(d) inkwantu dan jeffettwa l-imghaxijiet reklamati.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Din il-Qorti tifhem li, skont ma jidher mill-assjem tar-rikors tal-appell u l-hames eccezzjoni tieghu, l-akbar inkwiet tal-intimat appellat huwa msejjes fuq il-fatt, li huwa gie kkundannat ihallas somma, bhala kapital, li, skont l-istess appellant, tinkorpora ammont sostanzjali ta’ imghax bir-rata ta’ 13% u cioe` bl-uzura apparti l-imghax kompost li huma t-tnejn illegali. Mill-provi prodotti jidher li l-intimat mhux qed jikkontesta d-debitu tieghu per *se,* basta li l-ammont reklamat ma jkunx jinkorpora din l-uzura u l-imghax kompost. Infatt jidher li l-intimat huwa propens li jhallas dak li huwa dovut izda ma jridx jhallas dak li legalment mhux dovut. L-eccezzjonijiet l-ohra, ghalkemm ghandhom jigu trattati kif gew trattati in prim istanza, huma pjuttost sekondarji ghal din il-kwistjoni. Infatti l-eccezzjoni tal-irritwalita` tal-azzjoni minhabba l-assenza tal-firma ta’ mart l-attur fuq l-iskrittura hija insostenibbli billi *se mai* din l-eccezzjoni tikkompeti lil mart l-attur li ma jidhirx li ressqet xi azzjoni a propositu. Ghal dik li hi preskrizzjoni dan l-aggravju wkoll mhux gustifikat billi jirrizulta ampjament li l-istess konvenut kien ammetta d-debitu tieghu favur l-attur u ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni huwa rrilevanti jekk l-ammont kienx legalment dovut jew le.

Il-provi in prim istanza fuq il-kwistjoni tal-uzura huma pjuttost limitati u skarni. Infatti l-prova principali tad-debitu hija l-iskrittura tal-ewwel ta' Jannar, 2001, ezebita mir-rikorrent, fejn hemm dikjarat, bla tlaqliq li ***"I the undersigned Kishind Mohnani (Id Card No. 2016317P) do hereby declare that I owe the sum of Lm54,307 (fifty four thousand, three hundred and seven pds only) to Mr Julian Schillas"*** (presumibilment il-kunjom kellu jkun Sciberras billi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-identita` tal-attur) u tkompli hekk ***"which was granted to me as loan from 1-1-2001 (first January 2001)."*** Indikazzjoni ta' uzura tinsab fit-tielet paragrafu tal-imsemmija skrittura fejn jissemma li dan l-ammont kellu jithallas lura mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2002 ***"together with added interest at 13% per annum."***

Dan il-percentwal ta' imghax certament huwa indikattiv ta' uzura biss fir-rikors promotur l-istess rikorrent ottempera ruhu mal-provvedimenti tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili billi llimita l-imghax ghal dawk "legali" u cioe` dawk "meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena", u billi huwa previst li l-uzura ma tannullax l-obbligazzjoni izda l-imghax dovut jigi ridott ghal dak legali, il-posizzjoni tar-rikorrent f'dawn il-proceduri kienet tidher wahda legali. Izda l-oggezzjoni tal-intimat tmur oltre dak li jidher fl-iskrittura msemmija.

Jirrizulta mhux kontestat li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni ta' kreditur u debitur li tmur lura diversi snin u mhux twieldet f'Jannar 2001 kif donna tati x'tifhem l-iskrittura ezebita. Infatti kull sena kienet issir skrittura gdida fejn qabel xejn tinqatel l-obbligazzjoni precedenti u tigi stabbilita obbligazzjoni gdida bazata fuq il-bilanc rizultanti wara li jinhadem l-imghax sad-data tal-iskrittura l-gdida. Hekk gara fl-1 ta' Jannar, 2001. Infatti l-intimat jghid hekk fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2008 "*L-iskrittura tat-2001 kienet fejn ahna hassarna d-dejn li kien hemm qabel u ftehmna mill-gdid fuq ammont li kien dovut lis-Sur Sciberras*." L-appellant jsostni li f'kull skrittura precedenti l-imghax kien jigi komputat mhux biss bir-rata ta' 13% u cioe` bl-uzura izda wkoll kien jinhadem bhala imghax kompost u cioe` imghax fuq imghax. L-intimat ikompli

jghid li fl-2001 huwa ma kienx "*happy biha* [din is-sitwazzjoni] *ghax l-interessi kienu too much.*" Kien ghalhekk, li, b'mod kemxejn ingenwu, iddecieda li ma jiffirmax l-ewwel parti tal-iskrittura u cioe` fejn hemm id-dikjarazzjoni, tista` tghid unilaterali da parti tar-rikorrent kreditur fejn kull *cheque* jew dokument favur tieghu huma kkunsidrati "*cancelled and void*". In-nuqqas ta' firma tal-intimat f'din il-parti tal-iskrittura bl-ebda mod ma teffettwa l-validita` tal-istess skrittura billi l-obbligazzjoni titwieled mit-tieni parti tal-iskrittura. L-aggravju li jikkoncerna dan l-aspett tal-kwistjoni ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Issa kif gja` ghedna, il-provi dwar uzura huma kemxejn limitati quddiem il-prim istanza u jekk kien hemm, kif rajna aktar 'il fuq, dawn gew mxejna bit-talba "*regolari*" li ghamel ir-rikorrent fejn illimita l-imghax ghal dak legali. Biss fl-istadju tal-appell b'digriet moghti fit-3 ta' Dicembru, 2010 it-talba tal-appellant intavolat fit-18 ta' Ottubru, 2010, biex jigi awtorizzat jezebixxi dokument li kien qed jigi mmarkat Dok KM8, liema dokument, skont l-istess appellant, kien "*jikkonferma t-tezi tieghu rigward il-fatt li s-somma pretiza mill-appellat effettivament tinkludi imghaxijiet komposti*" giet milqugha minn din il-Qorti.

Dan id-dokument, li skont l-appellant (u f'dan mhux kontradett mill-appellat), huwa miktub mill-istess appellat jidher car li l-ammont ta' Lm54,307 li jissemma fir-rikors promotur, jinkludi mhux biss kapital misluf izda imghax kompost – xahar b'xahar – bir-rata ta' 13 fil-mija fis-sena. Dan ifisser li, kif sewwa qed jissottometti l-appellant, l-ammont indikat fl-iskrittura tal-1 ta' Jannar, 2001 mhux kollu dovut billi l-imghax komputat kien illegali. Hemm suspett ukoll li, fis-snin precedenti, kien jigri l-istess haga u kull skrittura li kienet issir fl-ewwel tas-sena kienet tinkorpora l-uzura u imghax kompost.

Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara s-sentenza tal-prim istanza bhala nulla billi bbazata fuq konsiderazzjonijiet mhux sewwa inkwantu dik il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-aspetti naxxenti mill-hames eccezzjoni sollevata mill-intimat fejn gew sollevati fatturi li

*per se* huma illegali u li kwindi qatt ma setghu jifformaw bazi tal-azzjoni.

B'dan kollu, din il-Qorti terga' tirrimetti l-process lill-ewwel Onorabbli Qorti biex, isir ezercizzju dettaljat u akkurat bl-assistenza ta' espert komputista, mahtur appozitament biex jezamina r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti ta' kreditur u debitur sa mill-1998. Dan ghandu jirrelata dwar il-bilanc, jekk hemm, dovut lill-attur liema bilanc ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-ammonti mislufa mill-attur u l-pagamenti maghmula mill-intimat u dan wara li jinhadem l-imghax legali semplici ta' 8%. Dik il-Qorti imbaghad ghandha tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba attrici tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi milqugh fis-sens li s-sentenza qed tigi dikjarata nulla ghal kull fini u effett tal-ligi ghar-ragunijiet fuq moghtija. Tordna li l-atti jintbghatu quddiem l-ewwel Qorti biex dik il-Qorti tipprocedi kif fuq inghad. L-ispejjez, kemm dawk in prim istanzi kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom fic-cirkostanzi, ikunu a karigu tal-intimat appellant billi naqas jipproduci l-provi mehtiega "*a tempo debito*" u bhala konsegwenza kien il-kawza ta' spejjez zejda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------